DOKUMENT TA' GWIDA

AMBJENT TAX-XOGĦOL



# Miżuri ta' Saħħa u Sigurta' Waqt Kundizzjonijiet Ħżiena tat-Temp

AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (MALTA)

Min iħaddem huwa fid-dmir li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f’kull ħin f’kull aspett relatat max-xogħol. Dan huwa partikolarment minnu meta l-ħaddiema jkunu esposti għal kundizzjonijiet ħżiena tat-temp. Min iħaddem huwa legalment obbligat li jwettaq evalwazzjoni tar-riskju tal-attivitajiet kollha tax-xogħol. Tali evalwazzjoni għandha tkopri r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li għalihom huma esposti waqt ix-xogħol. Dan jinkludi l-eventwalità ta’ xogħol li jsir f’kundizzjonijiet ħżiena tat-temp.

## L-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU

Fit-twettiq tal-evalwazzjoni tar-riskju, min iħaddem għandu jinkludi l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-proċessi kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-ħaddiema għandhom jingħataw kull opportunità biex jiddiskutu r-riskji u l-miżuri li għandhom jittieħdu. Ladarba l-evalwazzjoni tar-riskju tiġi ffinalizzata, min iħaddem irid jipprovdi lill-ħaddiema b’informazzjoni rilevanti u li tinftiehem, dwar ir-riskji identifikati minn tali evalwazzjoni u dwar il-miżuri preventivi u protettivi li għandhom jiġu mplimentati sabiex jiġu ndirizzati r-riskji identifikati.

Il-miżuri li għandhom jiġu mplimentati minn min iħaddem, biex jiġu indirizzati r-riskji li ma jistgħux jiġu evitati, għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ġenerali ta’ prevenzjoni kif stabbiliti fl-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni huma riflessi f'ġerarkija ta’ kontrolli stabbiliti f’ordni dixxendenti ta’ preferenza bl-evitar tar-riskju jingħata l-ogħla prijorità.

Hemm diversi miżuri li jistgħu jiġu mplimentati biex jitnaqqsu r-riskji fuq il-post tax-xogħol. Huwa importanti li dawn il-miżuri jsegwu l-ġerarkija ta’ kontroll.




© Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Malta)

Jekk ix-xogħol jista' jsir f'ħin ieħor u l-ħaddiema jiġu allokati xogħol alternattiv li ma jesponihomx għar-riskji assoċjati ma' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, dik tkun is-soluzzjoni ideali. Jekk dan ma jkunx possibbli għandhom jiġu applikati miżuri oħra ta' inġinerija u, jew amministrattivi biex jitnaqqsu r-riskji sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli. Fl-aħħar nett, min iħaddem huwa obbligat li jipprovdi t-tagħmir protettiv personali kollu meħtieġ kif identifikat fl-evalwazzjoni tar-riskju. Bħala regola ġenerali, min iħaddem irid ikun konxju ta' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li jistgħu jaffettwaw il-post tax-xogħol billi jżomm ruħu aġġornat mat-tbassir tat-temp u mat-twissijiet mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta' miżuri li jistgħu jiġu mplimentati minn min iħaddem biex jindirizza riskji assoċjati ma' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp.

*L-impjegati kollha għandhom jingħataw taħriġ u informazzjoni xierqa minn qabel dwar il-miżuri meħtieġa li għandhom jittieħdu, u jkunu sorveljati biex jiġi żgurat li qed jieħdu l-miżuri kollha ta' kontroll..*

## F'KAŻ TA' RIĦ QAWWI

F'każ ta' riħ qawwi:



- issostitwixxi kwalunkwe xogħol u waqqaf kull xogħol (speċjalment xogħol fl-għoli) li jsir perikoluż wisq minħabba r-riħ qawwi,
- evita li tesponi lill-ħaddiema f'żoni miftuħa f'pożizzjoni għolja,
- orbot kull oġġett jew materjal ieħor li jista' jittajjar billi ddaħħalhom ġewwa fejn ikun possibbli jew billi tuża ħbula, piżijiet, ktajjen, eċċ,
- għandu jkun żgurat li lukketti, bibien u twieqi huma siguri,
- l-użu ta' slielem f'kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, mhux irrakkomandat iżda jekk ikun inevitabbli, kun żgur li s-slielem u l-armar ikunu marbuta w armati b'mod adegwat,
- għandu jkun żgurat l-adegwatezza u l-istabbiltà tal-istrutturi kollha ta' protezzjoni ta' waqgħat mill-għoli,
- kun konxju li strutturi jew oġġetti jistgħu jiċċaqilqu f'daqqa u li oġġetti bħal planki tal-injam jistgħu jaġixxu bħala qlugħ,

- uża tagħmir personali għall-protezzjoni kontra l-waqgħat mill-għoli u ntrabat sew meta taħdem fl-għoli,
- uża protezzjoni għall-għajnejn biex tipproteġi kontra t-trab/materjal ieħor,
- tippruvax taqbad oġġett jew għodda jekk jittajru mar-riħ,
- stkenn jew oqgħod ġewwa kull meta jkun possibbli,
- kun familjari mar-rotta tal-ħruġ f’każ ta’ evakwazzjoni jew emerġenza,
- jekk qed issuq u ma tistax issib kenn ġewwa bini, oqgħod fil-vettura tiegħek, preferibbilment f’żona fejn int inqas probabbli li tintlaqat minn siġar jew linji tal-elettriku li jistgħu jaqgħu bir-riħ,
- żomm distanza minn vetturi għoljin (bħal trakkijiet, vetturi li jirmunkaw trejlers, eċċ) peress li r-riħ qawwi jista’ jaqleb dawn il-vetturi jew jikkawża li oġġetti li jkunu qed jinġarru, jittajru,
- tużax krejnijiet, liftijiet tal-kostruzzjoni u tagħmir ieħor ta’ rfigħ f’riħ qawwi, ogħla minn dak irrakkomandat mill-manifattur,
- ħalli tower cranes ħielsa li jduru mar-riħ u mingħajr tagħbijiet imwaħħla mal-ganċ meta ma jkunux qed jintużaw,
- wara li tkun għaddiet it-twissija tar-riħ qawwi, iċċekkja mal-ħaddiema kollha, evalwa l-effetti tar-riħ qawwi fuq il-post tax-xogħol u erġa’ ibda x-xogħol biss wara evalwazzjoni bir-reqqa partikolarment ta’ apparat ta’ rfigħ, scaffolds, pjattaformi tax-xogħol sospiżi, installazzjonijiet elettriċi, eċċ, u wara li jkunu ttieħdu l-miżuri ta' rimedju kollha.

## F’KAŻ TA’ XITA QAWWIJA JEW SILĠ

F’każ ta’ xita qawwija jew silġ:



- ibdel kwalunkwe xogħol u waqqaf kull xogħol (speċjalment xogħol fl-għoli) li jsir perikoluż wisq minħabba xita qawwija jew silġ,
- evita li tesponi lill-ħaddiema f’żoni miftuħa,
- evita l-użu ta’ għodod li jaħdmu bl-elettriku, f’żoni esposti,
- ipproteġi s-siti ta’ skavar mir-riskju ta’ għargħar u, jew kollass,
- agħmel pjan u ħu miżuri ta’ sigurtà xierqa għal xogħol fi spazji ristretti u żoni oħra li jistgħu jiġu mgħarrqa, inklużi kantini,
- ipprovdu żoni fejn il-ħaddiema jistgħu jieħdu kenn,
- uża tagħmir protettiv personali adegwat, eż. raincoat, żraben tas-sigurtà kontra ż-żlieq, ġkieket high visibility, eċċ,

© Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Malta)

- oqgħod attent għal sinjali ta' żieda fil-livell tal-ilma,
- timxix fl-ilma mingħajr ma tkun taf il-kundizzjonijiet tal-art,
- kun familjari mar-rotta tal-ħruġ f'każ ta' evakwazzjoni jew emerġenza,
- illimita jew elimina l-użu tar-roti u l-muturi,
- uża attenzjoni xierqa meta ssuq vetturi jew tagħmir mobbli tax-xogħol f'viżibilità limitata u toroq imxarrbin,
- is-sewwieqa għandhom jingħataw parir biex jevitaw toroq fejn l-ilma għandu t-tendenza jinġabar f'ammonti sinifikanti,
- agħmel pjan ta' sigurtà u ħu miżuri ta' sigurtà xierqa biex tipprevjeni korrimenti u mwiet ikkawżati mis-sajjetti, partikolarment ta' nies li jaħdmu barra (bħal dawk involuti f'xogħol tal-kostruzzjoni, tat-toroq, tal-irziezet, eċċ),
- wara li tkun għaddiet ix-xita qawwija jew is-silġ, iċċekkja mal-ħaddiema kollha u evalwa l-effetti tax-xita qawwija jew tas-silġ, fuq il-post tax-xogħol. Ibda x-xogħol biss wara evalwazzjoni bir-reqqa, partikolarment ta' apparat ta' rfigħ, scaffolds, pjattaformi tax-xogħol sospiżi, installazzjonijiet elettriċi, eċċ,
- agħmel pjan dwar kif tirrestawra b'mod sikur l-elettriku f'żoni li x'aktarx ikunu mgħarrqa (inklużi kantini) sabiex tipproteġi s-saħħa u tevita aktar ħsara. Il-pjan għandu jinkludi l-iżolament tas-sorsi kollha tal-enerġija elettrika f'żoni mgħarrqa.

*(OHSA – Diċembru 2021)*

## AKTAR INFORMAZZJONI

Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Indirizz: 17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533, Malta
Telefon: 21247677
F'każ ta' emerġenza wara l-ħin tax-xogħol ċempel: 99496786
Email: ohsa@gov.mt
Facebook: @ohsamalta
Niżżel il-mobile App BSafe@Work

Dawn il-linji gwida huma fformulati sabiex jipprovdu tagħrif ġenerali u għandhom jinqraw flimkien mar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà applikabbli. L-informazzjoni f'dawn il-linji gwida ma tikkostitwixxix parir professjonali jew legali u hija għal skopijiet ta' informazzjoni ġenerali biss. Iktar informazzjoni tista' tinġabar mingħand il-persuna kompetenti magħżula minn min iħaddem, biex tgħin fil-miżuri li jridu jittieħdu.

**© Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Malta)**